# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1509/00**

**Numru 35**

**Lloyds (Malta) Limited fil-kwalita taghha ta' rapprezentanti *ex lege* u ghalhekk ghan-nom tal-membri ta' Lloyds illi huma identifikati fil-lista prezentata fin-nota prezentata kontestwalment mal-avviz illi flimkien jifformaw id-ditti assikuratrici ossija sindikati ta' Lloyds, liema sindikati qeghdin jagixxu kif jinsabu issorrogata fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Vincent Micallef u l-istess Vincent Micallef**

**vs**

**Lucienne Cassar**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex din il-Qorti:

1) tiddikjaraha unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fl-4 ta' Ottubru 1999 fis-19.20p.m. f'Brared Street, B'Kara, bejn l-vettura tal-marka Ford, bin-numru ta' registrazzjoni AAP 668, koperta mill-

atturi taht il-polza ta' assikurazzjoni numru 059979-31/01 mahruga fl-1 ta' Frar 1999 misjuqa mill-attur Vincent Micallef, u l-vetttura tad-ditta Subaru bin-numru ta' registrazzjoni CAO 557 propjeta' ta' Lorenzo Azzopardi u misjuqa minn Lucienne Cassar u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.

2) tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma globali ta' erbgha mija u sittin Lira Maltin, hamsa u sebghin centezmu (Lm460.75) kif jidher f'Dok A jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

3) tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur Lloyds (Malta) Limited u Vincent Micallef is-somma ta' erbgha mija u hamsa u tletin Liri Maltin, hamsa u sebghin centezmi (Lm435.75) u s-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) rispettivament jew sommom verjuri illi jigu likwidati minn dina l-Qorti in liena ta' danni.

Bl-ispejez, komprizi dawk tal-konsult (Lm10) u tal-ittra bonarja tas-7 ta' Frar 2000, u tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju 2000 flimkien man-Nota tal-ismijiet tal-istess data u tan-Nota tal-ismijiet pprezentata ma l-avviz u tal-ittra ufficjali pprezentata mal-avviz a tenur tal-Kapitolu 104, flimkien man-nota bl-ismijiet tas-sindikati pprezentata ma' dik l-ittra, u bl-imghax legali mill-4 ta' Ottubru 1999, jew data ohra stabbilita appozitament minn din al-

Onorabbli Qorti sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti minn fol 2 sa 35 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fit-2 ta' April 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici Lloyds (Malta) Limited s-somma ta’ Lm435.75,0 u lill-attur Vincent Micallef is-somma ta' Lm25 bl-imghax legali mis-16 ta’ Gunju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes komprizi Lm10 ghal konsult kif ukoll dawk tal-ittra bonarja tas-7 ta’ Frar 2000, ta’ dik ufficjali tas-16 ta’ Gunju 2000 flimkien man-nota msemmija fl-avviz u ma dawk tal-ittra ufficjali tas-27 t’Ottubru 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg